# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum is-7 ta' Jannar 2020**

Appell numru 16 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Kevin CARUANA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-12 ta' Jannar 2018 fil-konfront ta' **Kevin CARUANA** karta tal-identità bin-numru 517971M li ġie mixli talli (in suċċint) fid-9 ta' Jannar 2017 għall-ħabta ta' 17:45 ġewwa Triq il-Qasam, Swieqi, waqt li kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GBJ809 :

i. b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Simon

Tabone, liema offiżi ġabu l-konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali skont kif ċertifikat minn Dr. Fabrizia Cassar

ii. saq vettura numru GBJ 809 b'manjiera traskurata;

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddisponiet minn din il-kawża bil-mod segwenti:

   Issib lill-imputat hati.
   It-tieni akkuza assorbita fl-ewwel akkuza.

   Rat l-Art 226 tal-kap 9 u tikkundanna lill-imputat ghal multa ta' Euro500 u tlett xhur (3) sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan min nofs il lejl tal-lum.

3. Illi permezz ta' rikors datat 23 ta' Jannar 2018 Kevin CARUANA interpona appell mis-sentenza imsemmija aktar il-fuq fejn huwa saħaq li

   (a) l-imputazzjonijiet kienu jirreferu għal sewqan ta' vettura bil-mutur li allegatament kienet ġiet misjuqa mill-appellant, meta dan ma kienx il-każ;
   (b) il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex raġuni ssib ħtija fuq ebda waħda mill-imputazzjonijiet;
   (c) il-piena erogata kienet eċċessiva.

4. Illi matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell u b'mod partikolari meta ġiet biex tqis il-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, irriżulta lil din il-Qorti illi l-Qorti tal-Maġistrati, filwaqt li sabet lill-appellant ħati, dik il-Qorti ikkunsidrat li t-tieni imputazzjoni kienet assorbita fl-ewwel imputazzjoni. Iżda meta ġiet biex issemmi l-artikoli tal-Liġi li joħolqu r-reati, hija semmiet biss l-artikolu tal-Liġi li kien joħloq l-ewwel imputazzjoni, mingħajr ma semmiet ukoll l-artikolu tal-Liġi li joħloq it-tieni imputazzjoni u li tiegħu l-appellant ġie wkoll misjub ħati.

5. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li :

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ***ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat***.

6. Ir-rekwiżit tat-tismija tal-artikolu tal-Liġi li jkun jikkontempla r-reat skont l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jrid jiġi osservat anke fejn ikun hemm lok għal-konkors tal-pieni skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali. Illum huwa *ius receptum* li tali nuqqas t'adeżjoni mar-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa meqjus bħala nuqqas ta' formalita sostanzjali li jimporta n-nullita tas-sentenza appellata, li saħansitra jista' anke jitqajjem *ex officio*.

# *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-*doppio esame,* qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***